MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2010

Numru. 345/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Ronald Sciberras bin Paul u Maria Lourdes nee' Xuereb, imwieled fil-25 ta' Settembru, 1984 u residenti 12, Le Nid, Triq Paolo Pariso Muscato, Naxxar, Malta, detentur tal-karta tal-identita' numru 466784(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Ronald Sciberras li gie akkuzat talli nhar l-10 ta' April, 2009 ghal

habta ta’ 11:30hrs waqt li kien gewwa d-Debrani limiti taz-Zebbug, Ghawdex:

1) Kien qieghed jikkaccja jew jipprova jikkaccja fi zmien li l-istagun kien maghluq ghall-kacca;
2) Kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar u munizzjon;
3) Naqas li jhalli taht kontroll l-arma u abbanduna l-arma tan-nar li setghet tigi fil-pussess ta’ haddiehor;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat.

Ikkunsidrat

Illi fid-dawl ta’l-ammissjoni maghmula, l-Qorti qed issib lill-imputat hati ta’l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u wara li rat r-Regolament 18(1)(a), 27(3) ta’l-Avviz Legali 79 ta’l-2006 kif sussegwentement emendat bll-Avviz Legali 39 ta’l-2007 u l-artikolu 47 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta u tikkundannah multa ta’ tliet mitt ewro (€300) u tordna l-konfiska tad-dokument E.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------